MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 2657/1999/1

**Josephine Bonello proprio u bhala kuratrici ad litem ta' uliedha minuri Gordon, Gertrude u Glanville**

**Vs**

**John Bonello**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Peress illi l-attrici ppresentat kawza ta' separazzjoni personali kontra l-konvenut;

Peress ili din il-kawza fl-ismijiet Josephine Bonello pro et noe vs John Bonello giet deciza fit-12 ta' Novembru 1999 (Citaz. Nru. 709/95 VDG) mill-Prim Awla tal-Qorti Civili per Onor. Imhallef V. Degaetano (Dok A), minn liema sentenza ma sarx appell;

Peress illi dik il-Qorti naqset milli tiddeciedi dwar il-hames talba attrici fis-sens illi dik il-Qorti ma llikwidatx il-komunjoni ta' l-akkwisti, nonostante li l-kontendenti kienu xehdu dwar il-kontenut ta' l-istess;

Peress illi in effetti ghad hemm affarijiet li ghandhom in komun bejn il-kontendenti kif irrizulta mill-atti tal-kawza citaz nru. 709/95 VDG u kif ser jirrizulta wkoll waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza;

Talab ghalhekk l-istess attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddeciedi, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 235 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, dwar il-hames talba attrici tal-kawza fl-ismijiet Josephine Bonello pro et noe vs John Bonello (citaz nru. 709/95 VDG) fis-sens illi tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti, taqsamha f'zewg porzjonijiet u tassenja wahda lill-attrici u ohra lill-konvenut, okkorrendo permezz ta' periti nominandi, sabiex jaghmlu l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponu pjan ta' qasma u nutar biex jircievi l-att opportun u kuraturi biex jirrapresentaw l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici, l-elenku tad-dokumenti minnha esebiti u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi fl-ewwel lok l-ulied minuri ma ghandhom ebda interess guridiku li joqghodu f'din il-kawza. Ghalhekk, sa fejn jirrigwarda l-imsemmija ulied l-eccipjent ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi l-azzjoni kif proposta abbazi tal-artikolu 235 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta hija guridikament insostenibbli ghax fis-sentenza citata ma kienx hemm 'ab omissa decisione' izda astensjoni ta' konjizzjoni ta' parti mit-talbiet fil-hames talba peress li ma kienx hemm provi biex dik il-Qorti tasal ghal-likwidazzjoni tal-komunjoni. It-triq miftuha ghall-attrici kienet dik li addirittura titlob il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti pero' mhux abbazi tal-artikolu 235 kif qieghed jintalab fic-citazzjoni odjerna u ghalhekk anke f'dan ir-rigward l-eccipjent ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Illi bla pregudizzju u subordinatament ghas-sueccepit jezistu l-elementi kollha tar-'res judicata' u kwindi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra taghha.

4. Illi bla pregudizzju ghal dak eccepit fil-meritu, 'dato ma non concesso' li hemm lok ghal-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, irid jittiehed kont li fic-cirkostanzi l-attrici ma hiex intitolata li tircevi nofs il-beni u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 48 (1)(c) tal-Kap 16 tal-Lijigiet ta' Malta.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut, u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

L-attrici proprio et nomine intentat l-azzjoni odjerna wara s-sentenza ta' dina l-Qorti, diversament presjeduta, tat-12 ta' Novembru 1999 u fejn inter alia l-Qorti ippronunzjat il-firda personali bejn il-kontendenti.

Hi qeghda ssostni illi f'dik id-decizjoni l-Qorti naqset li tiddeciedi l-hames talba taghha fis-sens illi din ma llikwidatx il-komunjoni ta' l-akkwisti. Ghalhekk issa qed

tippretendi li dan ghandu jsir permezz ta’ din l-istanza u dan bl-applikabilita’ ta’ l-Artikolu 235 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili.

Il-konvenut ressaq numru ta’ eccezzjonijiet biex jopponi l-azzjoni attrici, fil-maggjor parti ta’ indoli procedurali. Ewlenija fosthom hi t-tieni eccezzjoni fejn qed jissottometti illi kif proposta ghab-bazi ta’ l-Art. 235 tal-Kap 12 l-azzjoni hi guridikament insostenibbli billi fis-sentenza surreferita ma kien hemm l-ebda “ommissa decisio”.

Il-partijiet rilevanti tad-dispost tal-ligi msemmi jipprovdi:-

i. li fejn qorti ta’ l-ewwel grad <u>thalli barra</u> fid-decizjoni wahda mit-talbiet ma hemmx dritt ta’ appell;

ii. Pero’ fi zmien hmistax (15) il-jum mill-gudikat kull wahda mill-partijiet b’rikors tista’ titlob lill-qorti li tkun hekk iddecidiet biex taqta’ dik it-talba;

iii. Talba bhal din tista’ wkoll issir f’kull zmien bil-mezz ta’ citazzjoni.

Kif jidher mill-kliem espress ta’ din id-disposizzjoni l-ligi qed tippresupponi illi l-Qorti bi zvista naqset li tippronunzja ruhha fuq xi wahda mit-talbiet. Naturalment qed tippresupponi wkoll, u dan bhala rekwizit ovvju, ghall-applikazzjoni ta’ dan ir-rimedju, illi “*d-domanda mhux maqtugha kienet wahda mid-domandi migjuba fic-citazzjoni*” (“**Carmela Vella –vs- Salvatore Vella**”, Appell Civili, 17 ta’ Novembru 1941).

Inoltre biex wiehed jaghti l-aspetti guridici kollha tal-artikolu in diskussjoni fejn tithalla barra eccezzjoni l-parti ma tistax tinqeda b’dan ir-rimedju, ghax l-eccezzjoni mhiex talba (**Vol XXXVII pI p80**).

Issa s-sentenza tat-12 ta’ Novembru 1999 kienet hekk iddisponiet kwantu ghal hames talba attrici u l-kontro-talba tal-konvenut f’dik il-kawza:

"*tipprovdi ……. limitatament kif gej, u cjoe billi tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u dan mill-jum li fih din is-sentenza tkun finali u konkluziva, u tiddikjara wkoll li l-partijiet ghandhom dritt ghas-sehem taghhom minn din il-komunjoni (cioe nofs kull wiehed taghha), izda tastjeni milli tipprovdi dwar il-bqija tal-imsemmija hames talba u hames kontro-talba*."

Bil-"bqija" l-Qorti kienet qed tirreferi ghal likwidazzjoni tal-istess komunjoni tal-akkwisti. Dak proprju li qed tipproponi l-attrici f'din il-kawza.

Kif taraha din il-Qorti l-interpretazzjoni li trid tinghata lil din il-parti dispozittiva tas-sentenza u li minnha ittiehed il-bran ta' hawn fuq, hu dak li dik il-Qorti effettivament iddecidiet it-talba. L-astensjoni tal-Qorti f'dik il-kaz mhiex sinonima ghat-thollija barra tat-talba. Anzi tissodisfa l-vot ta' l-Artikolu 219 tal-Kap 12 li jghid u jrid li "kull dikjarazzjoni li l-qorti trid li tkun deciziva jew obbligatorja, ghandha tigi mdahhla fid-dispozittiv."

Del resto kif pacifikament stabbilit "*l-volonta tal-gudikant tista' tittiehed anki mill-konsiderandi tas-sentenza, u li d-dispozittiv ma ghandux jittiehed separatament mill-motivazzjoni, izda ghandu jigi minn din definit u spjegat*" (**Vol XXX pI p131**; **Vol XXXVII pI p51**; **Vol XLII pI p287**; "**Rita Grech et –vs- Segretarju tad-Djar",** App. Sede Inferjuri, 18 ta' Frar 1986). Dan ghal dik li hi l-parti razzjonali tad-dispozittiv.

Issa fil-kaz de quo l-motivazzjoni dedotta mid-decizjoni hi ben spjegata f'para 5 tas-sentenza fejn jinghad testwalment illi l-Qorti "sejra pero' tastjeni milli tillikwida, kif mitlub miz-zewg partijiet". Aktar cara minn hekk ma tistax tkun. Dan bhala raguni u tifsira tal-parti dispozittiva tas-sentenza fuq riportata. Anke f'dan ghalhekk il-Qorti hadet konjizzjoni tat-talba fil-motivazzjoni taghha. Similment id-decizjoni a **Vol XXIII pI 13**.

Is-sentenza ghalhekk ezawriet id-domanda. Kif rilevat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Salvatore Micallef –vs- Filippu sive Pinu Borg**", Appell Civili, 23 ta' Mejju 1947, "*id-decizjoni*

*qeghda fid-dispozittiv tas-sentenza u mhux fil-motivazzjoni. Ghalhekk min jippretendi illi l-gudikant ma rragunax fuq xi wiehed mill-motivi allegati in sostenn tad-domanda ma jistax ifittex ir-rimedju fil-procedura stabbilita mil-ligi ghall-kazijiet fejn ikun hemm 'omessa decisione'*" (**Vol XXXIII pI p114**).

Hu bizzejjed maghruf illi "*trattandosi di leggi di procedura che hanno progetto l'ordine pubblico mediante un convenzionismo di forma, non si deve ammettere altra interpretazione che la letterale nel senso che ove la legge prescrive una certa forma, questa si debba osservare alla lettera e non per equipollens*" (**Vol XVIII pI p879**; **Vol XLIX pI p421**).

Din mhiex kwestjoni ta' legalizmu jew formalizmu zejjed. Hi invece kwestjoni ta' applikabilita' o meno ta' norma procedurali specjali. Il-Qorti temmen, bhal qrati ohra qabilha, illi "*waqt li l-formalizmu eccessiv ghandu jigi evitat m'ghandux lanqas pero' jidhol jew jigi inkoraggiet permessivizmu ingustifikat*" (**Vol XXXII pI p712**; "**Francis T. Gera noe –vs- Ed. Camilleri et**", Appell, Sede Inferjuri, 14 ta' Frar 1973).

Sa recentement gie rimarkat illi l-Qrati jridu japplikaw u jinterpretaw il-ligijiet tal-pajjiz kif promulgati mill-Parlament u ma ghandhom l-ebda diskrezzjoni la li jaddotawhom b'mod approssimattiv skond li jidhrilhom li hu gust u ekwu fic-cirkostanzi u wisq anqas li jissanzjonaw proceduri li l-ligijiet tal-pajjiz ma jippermettix li jigu mprovvizati f'dawk ic-cirkostanzi, bil-konsegwenza li jigu newtralizzati u emaskulati proceduri ohra espressament provvduti bil-ligi. ("**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizud –vs- George Schembri**", Appell, 6 ta' Ottubru, 2000).

Dan it-taghlim jghodd ghal dan il-kaz ukoll.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenut u tilliberah mill-osservazzjoni tal-gudizzju. B'hekk l-azzjoni attrici kif proposta fuq id-dispost tal-

Artikolu 235 tal-Kap 12 qed tigi michuda. B'danakollu qed tirrizerva lill-attrici kull dritt ta' azzjoni ohra lilha spettanti skond il-ligi.

L-ispejjez tal-kawza ghandha tbatihom l-attrici proprio et nomine.

--------------------------------TMIEM--------------------------------